

32003R1771

L 258/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

10.10.2003

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1771/2003  
tas-7 ta' Ottubru 2003**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2803/2000 fir-rigward tal-ftuħ u ż-żieda tal-kwoti tat-tariffa  
Komunitarji awtonomi għal ċerti prodotti mis-sajd**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 26 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Il-Komunità tformi ċerti prodotti tas-sajd li preżentament jiddependu mill-importazzjoni minn pajjiżi terzi. Huwa għalhekk fl-interess tal-Komunità li tissospendi parzjalment jew kompletament id-dazji doganali fuq il-prodotti f'dan il-każ, sabiex ma jipperikolawx il-prospetti tal-iżvilupp fil-produzzjoni tal-ħut fil-Komunità u sabiex jasiġuraw forniment adegwat biex jissodisfaw l-industriji utenti. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2803/2000 tal-14 ta' Diċembru 2000 li jiftaħ u jipprovdha għall-amministrazzjoni ta' kwoti tat-tariffa awtonoma Komunitarji fuq ċerti prodotti mis-sajd <sup>(1)</sup> kien għalhekk issospenda l-kwota ta' tariffa għal ċerti prodotti tas-sajd għal ċerti perijodu.
- (2) Il-Kummissjoni kienet għamlet riċerka fis-swieq u l-ħtiġiet tal-fornimenti tal-industriji utenti għall-2003. Wara li kienu kkunsidrati l-ħtiġiet tal-istrategġija interni u esterni tal-Komunità, ċerti kwoti ta' tariffi ġodda għall-prodotti f'dan il-każ għandhom ikunu miftuħa u ċerti kwoti eżistenti għandhom ikunu miżjuda sabiex jasiġuraw il-kontinwità tal-produzzjoni tal-Komunità.

- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 2803/2000 għandu għalhekk ikun emendat kif xieraq,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2803/2000 għandu jkun emendat kif ġej:

1. il-kwoti tat-tariffa elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament għal oġġetti u perijodi ta' kwota kif stabbilit fl-Anness għandhom ikunu miżjuda;
2. għall-perijodu ta' kwota mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2003:
  - (a) l-ammont ta' kwota tat-tariffa ta' kwota 09.2785 għandu jkun stabbilit fi 20 000 tunnellati;
  - (b) l-ammont ta' kwota tat-tariffa ta' kwota 09.2786 għandu jkun stabbilit fi 1 500 tunnellati;
  - (c) l-ammont ta' kwota tat-tariffa ta' kwota 09.2794 għandu jkun stabbilit fi 7 000 tunnellati.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fis-7 ta' Ottubru 2003.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. TREMONTI

<sup>(1)</sup> ĠU L 331, tas-27.12.2000, p. 61.

## ANNEX

Order No	CN code	TARIC code	Description	Amount of quota (in tonnes)	Quota duty (%)	Quota period
09.2759	ex 0302 50 10 ex 0302 50 90 ex 0303 60 11 ex 0303 60 19 ex 0303 60 90	20 10 10 10 10	Cod ( <i>Gadus morhua</i> , <i>Gadus ogac</i> , <i>Gadus macrocephalus</i> ), excluding livers and roes, fresh, chilled or frozen, for processing <sup>(a)</sup> <sup>(b)</sup>	50 000	0	1.1.2003 — 31.12.2003
09.2760	ex 0303 78 11 ex 0303 78 12 ex 0303 78 13 ex 0303 78 19	10 10 10 11 81	Hake ( <i>Merluccius</i> spp. excluding <i>Merluccius merluccius</i> , <i>Urophycis</i> spp.), frozen, for processing <sup>(a)</sup> <sup>(b)</sup>	20 000	0	1.1.2003 — 31.12.2003
09.2761	ex 0304 20 91 ex 0304 20 95 ex 0304 90 97	10 70 60	Blue grenadier ( <i>Macruronus</i> spp.), frozen fillets and other meat, for processing <sup>(a)</sup> <sup>(b)</sup>	15 000	0	1.1.2003 — 31.12.2003
09.2762	ex 0306 11 10 ex 0306 11 90	10 60	Rock lobster ( <i>Palinurus</i> spp., <i>Panulirus</i> spp., <i>Jasus</i> spp.), frozen, for processing <sup>(a)</sup> <sup>(b)</sup>	1 500	6	1.1.2003 — 31.12.2003

<sup>(a)</sup> Control of the use for this special purpose shall be carried out pursuant to the relevant Community provisions.

<sup>(b)</sup> This quota is available for products intended to undergo any operation, unless it is solely for one or more of the following operations:

- cleaning, gutting, tailing, heading,
- cutting (excluding dicing, filleting, production of flaps or cutting of frozen blocks or splitting of frozen interleaved fillet blocks),
- sampling, sorting,
- labelling,
- packing,
- chilling,
- freezing,
- deep freezing,
- thawing, separation.

The quota is not available for products intended, in addition, to undergo treatment (or operations) which gives quota entitlement, where such treatment (or operations) is (are) carried out at retail or catering level. The reduction of customs duties shall apply only to fish intended for human consumption.